TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/164/20/S

Janice Azzopardi

vs

Deckor Ltd.

Illum 21 ta' Novembru, 2024

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Janice Azzopardi ppreżentata fit-12 ta' Novembru, 2020, u r-risposta tas-soċjetà ntimata Deckor Ltd. ippreżentata fil-25 ta' Frar, 2021;

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' lix-xhieda u ħa nota tan-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentati;

Ikkunsidra

Illi din il-pendenza tirrigwarda ħames bibien interni illi r-rikorrenti Janice Azzopardi tallega li huma ta' kwalita' baxxa f'dak li għandu x'jaqsam il-materjal u li lmentat fuq diversi affarijiet fil-korrispondenza u telefonati li skont hi għamlet mas-soċjeta' ntimata;

Fost affarijiet oħra r-rikorrenti tilmenta li l-bibien ġew maqtugħa ħażin, kif ukoll is-serraturi ma kinux imwaħħla sew;

Min-naħa tagħha s-soċjeta' ntimata sostniet illi l-bibien konsenjati kienu konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mis-soċjeta' ntimata lir-rikorrenti u li kwalunkwe difetti ġew ikkawżati b'azzjonijiet jew negliġenza ta' l-istess rikorrenti Janice Azzopardi;

Illi s-soċjeta' ntimata sostniet ukoll illi t-talba tar-rikorrenti għar-rifużjoni sħiħ ta' l-ammont imħallas għal dawn il-ħames bibien hija talba spoporzjonata u esaġerata;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Illi dan it-Tribunal ħa konjizzjoni tan-notifika ta' ilment magħmula mir-rikorrenti u ndirizzata lis-soċjeta' ntimata u datata 25 ta' Mejju 2020, fejn hemm dettalji ta' l-ilmenti tar-rikorrenti;

Illi t-Tribunal jirrileva illi mix-xhieda stess ta' Janice Azzopardi mogħtija quddiem dan it-Tribunal, hija kkonfermat illi l-ordni li huma għamlu saret permezz ta' *email* u li f'ebda ħin ma kienet marret fix-*showroom* tas-soċjeta' ntimata biex tara l-bibien;

Illi din id-deċiżjoni daparti tar-rikorrenti illi tordna ħames bibien interni permezz ta' *email* wara li rat reklam fuq *facebook* ipoġġi lir-rikorrenti f'pożizzjoni fejn hi stess ħadet id-deċiżjoni waħedha illi tordna mingħajr ma rat b'għajnejha u ħasset b'idejha l-materjal in kwistjoni tal-bibien li hija ordnat;

Illi ma nġabet ebda prova illi r-rikorrenti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel dan kieku riedet hi nnifisha;

Illi min-naħa l-oħra dan it-Tribunal iħoss illi ħames bibien interni għandhom iservu għall-funzjoni li huma nxtraw u mhuwiex aċċettabbli illi jkun hemm ċertu nuqqasijiet bażilari bħal serratura li ma taħdimx għal kwalunkwe raġuni, sakemm ma jkunx inġabet prova u f'dan il-każ ma nġabet ebda prova illi kien hemm xi negliġenza daparte tar-rikorrenti fit-tħaddim ta' dawn il-bibien;

Illi min-naħa tiegħu l-partner tar-rikorrenti Alessio Orlando stqarr bil-ġurament quddiem it-Tribunal illi kienu marru fix-*showroom* biex jagħtu ċ-*cheque* u jiftakar li raw bieb li ma kienx eżattament bħal dak li ordnaw huma;

Illi jingħad illi hija responsabbilta' tal-konsumatur, f'dan il-każ tar-rikorrenti, illi qabel ma ssir ordni, wieħed jara jekk dak li se jkun ordnat huwiex tal-materjal pattwit u tal-kwalita' li wieħed qed iħallas għaliha;

Illi ġie kkonfermat illi r-rikorrenti kienu jafu li l-bibien ordnati għal ġewwa l-post tagħhom kien tat-tip *laminated* bil-konsegwenzi kollha li wieħed jista' jkollu meta jkun hemm għażla ta' tali materjal jew *finish*;

Illi t-Tribunal iħoss pero' illi s-soċjeta' ntimata għandha tagħmel u tirranġa n-nuqqasijiet kollha elenkati mir-rikorrenti fl-ilmenti tagħhom u dan a spejjeż ta' l-istess soċjeta' ntimata;

Illi min-naħa l-oħra t-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti għal rifużjoni sħiħa tal-prezz hija esaġerata u spoporzjonata minħabba illi ma kien hemm ukoll ebda kontestazzjoni fuq l-għażla unilaterali li saret daparti tar-rikorrenti għal tali materjal u għal tali tip kif ordnata minnha, kif qalet hija stess fix-xhieda tagħha.

Decide

Għaldaqstant wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li sema' x-xhieda kollha u wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha u taċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrenti limitatament għar-rifużjoni tas-somma mitluba filwaqt illi Jordna lis-soċjeta' ntimata Deckor Ltd., biex sa tliet ġimgħat mil-lum tirranġa a spejjeż tagħha n-nuqqasijiet kollha elenkati mir-rikorrenti fl-ilmenti tagħha.

Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż relattivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru